

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... (*). Huma għandhom jgħaddu immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella li turi r-relazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom tali referenza meta toħroġ il-pubblikazzjoni uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipalital-liġi nazzjonali li huma għandhom jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-Direttiva preżenti tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 4

L-Istati Membri huma d-destinatarji ta' din id-Direttiva.

Magħmula fi [...],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

P6_TA(2007)0147

Investigazzjoni ta' aċċidenti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-25 ta' April 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE (COM(2005)0590 — C6-0056/2006 — 2005/0240(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0590) ⁽¹⁾,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni preżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0056/2006),

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 25 ta' April 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0079/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0240

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Għandu jinżamm livell ġenerali għoli ta' sigurtà fit-trasport marittimu fl-Ewropa u għandu jsir kull sforz sabiex jitnaqqas l-għadd ta' diżgrazzji u okkorrenzi marittimi.
- (2) L-investigazzjonijiet tekniċi fil-pront meta jseħħu xi diżgrazzji fuq il-baħar itejbu s-sigurtà marittima billi jgħinu ħalli jiġu pprevenuti milli jseħħu mill-ġdid diżgrazzji simili li jwasslu għal imwiet, telf ta' bastimenti u t-tniġġis ta' l-ambjent marittimu.
- (3) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu ⁽⁴⁾ sabiex tittejjeb is-sigurtà fuq il-baħar, ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta għal direttiva dwar l-investigazzjoni ta' l-inċidenti fit-tbaħħir.
- (4) L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu ta' l-1982 (UNCLOS) ⁽⁵⁾, jistabilixxi d-dritt ta' l-Istati kostali sabiex jinvestigaw il-kawża ta' kwalunkwe diżgrazzja marittima li sseħħ fil-limiti ta' l-ibħra territorjali tagħhom li għandha mnejn tkun ta' riskju għall-ħajja jew għall-ambjent, li tinvolti l-awtoritajiet tat-tiftix u s-salvataġġ ta' l-Istat kostali, jew li b'xi mod ieħor taf-fettwa lill-Istat kostali.
- (5) L-Artikolu 94 ta' l-UNCLOS jistabilixxi li l-Istati tal-bandiera inkwistjoni għandhom jaraw li ssir inkjestja minn jew quddiem persuna jew persuni kkwalfikata(i) kif jixraq dwar ċerti diżgrazzji jew okkorrenzi tan-navigazzjoni fl-ibħra internazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 318, 23.12.2006, p. 195.

⁽²⁾ ĠU C 229, 22.9.2006, p. 38.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.

⁽⁴⁾ ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 730.

⁽⁵⁾ L-Att Finali tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu 1973 — 1982, Klassi Nru 341.45 L 412 1997.